

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 49/13)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Lussemburgu

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fiħ disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita: Il-Lussemburgu

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-mitejn anniversarju mit-twelid ta' Prince Henri

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri fuq in-naħa tal-lemin ix-xbiha tal-Altezza Rjali Tiegħu, il-Gran Duka Henri, u fuq in-naħa tax-xellug, ix-xbiha ta' Prince Henri. Fil-qiegħ hemm l-isem tal-pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita "LUXEMBOURG" u s-sena tal-ħruġ "2020". Fuq ix-xellug, f'forma ta' nofs ċirku, hemm l-iskriżzjoni "Prince Henri d'Orange-Nassau" u taħt ix-xbiha hemm l-iskriżzjoni "1820 – 1879".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 500 000

Data tal-ħruġ: Jannar 2020

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).